## LIL ĦABIBI MARJU AGIUS

(Kittieb tal-Versi)

*Ħajt baxx fin-nofs, dan hu li hawn bejnietna,*
*Biex int u jiena nkunu ħdejn xulxin;*
*U nafu b'hekk aħjar egħmil ġrajjietna,*
*Li ġew u marru kif għaddew is-snin.*

*Hemm tajjeb biss li wkoll fi ħsebijietna*
*Moħħna biss joħlom fuq ilsienna bnin:*
*U nagħmlu x'nagħmlu waħda tkun wehmitna,*
*li nfasslu ħajja fuq sisien tajbin.*

*Għad jasal żmien, aktarx li nilħqu jiena,*
*Meta ta' wrajna jfaħħru x-xogħol tal-lum:*
*U għalina jgħidu: "ma kenux għażżiena".*

*Hekk jirnexxielna nħajru lit-tfal tagħna,*
*Jitilgħu bieżla u jistinkaw kuljum;*
*U jfaħħru ż-żmien li jkunu għexu magħna.*

11-2-1950. DWARDU BUGEJA P.L.

## ~~LIL ĦABIBI DWARDU BUGEJA P.L.~~

~~(Kittieb ta' versi bħali)~~

*~~Ħajt wieħed biss li lilna t-tnejn jifridna~~*
*~~Mill-ġonna tagħna bħalna t-tnejn ġirien,~~*
*~~Fejn hemm xi ħaġa li lit-tnejn tiġbidna~~*
*~~Għal ġmiel li bħalu qajla ssib x'imkien!~~*

*~~Ħajt wieħed biss tassew q'ed ifixkilna,~~*
*~~Sabiex flimkien inkunu ġewwa l-ġnien:~~*
*~~Fejn kollox donnu qiegħed jitbissimilna,~~*
*~~Sabiex ingħannu wkoll mingħajr waqfien!~~*

*~~Le', le', ħabib, il-ħajt li qiegħed bejna,~~*
*~~Biex jifred biss id-dehra ta' xulxin:~~*
*~~Ma jnaqqas xejn mill-ħbiberija tagħna!~~*

*~~Bħal meta f'siġra tħaddar ġewwa ġnejna,~~*
*~~U friegħi magħha jibqgħu mifruxin:~~*
*~~Hekk dak il-ħajt ukoll jitwaħħal magħna!~~*

~~Villa Lija~~ 20/6/~~1950.~~ ~~M. AGIUS.~~